31992R3816

L 387/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3816/92

tat-28 ta' Diċembru 1992

li jipprovdi, fis-settur tal-frott u ħaxix, għall-abolizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens fil-kummerċ bejn Spanja u l-Istati Membri u miżuri alleati

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u partikolarment l-Artikolu 89(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Billi l-kisba tas-suq intern fl-1 ta' Jannar 1993 tagħmilha desiderabbli li jitneħħew l-ostakoli kollha għall-kummerċ, mhux biss bejn l-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 1985 imma wkoll, kemm jista' jkun possibbli, bejn dawk l-Istati Membri u l-Istati Membri l-ġodda;

Billi l-protezzjoni tas-swieq ta' l-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwiti fil-31 ta' Diċembru 1985 tista' tkun żgurata biżżamma ta' mekkaniżmu supplimentari tal-kummerċ għall-prodotti l-iktar sensittivi Spanjoli; billi aġġustament ta' l-istrutturi l-aktar vulnerabbli ta' dawn l-Istati Membri jistgħu jingħataw spinta bit-twaqqif ta' programmi speċifiċi ta' azzjoni; billi l-mekkaniżmi ta' kumpens għall-frott u ħxejjex istitwit bl-Artikolu 152(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ ta' liema jkunu, ukoll, diffiċli ħafna ladarba l-Komunità m'għandhiex iżjed fruntjieri interni, għandu għalhekk ma jkomplix;

Billi l-esperjenza wriet li ma sarx użu effettiv tal-miżuri biex jipproteġu s-suq Spanjol provdut fl-Artikolu 152(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni;

Billi l-applikabbilità tal-miżuri fuq imsemmija għandha tintemm u, għal raġunijiet ta' kjarezza, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3709/89 ta' l-4 ta' Diċembru 1989 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-implimentazzjoni ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kumpens fuq l-importazzjonijiet tal-frott u ħxejjex li joriġinaw fi Spanja ([2]) għandu għalhekk ikun imħassar;

Billi l-integrazzjoni fuq skala kbira tas-suq Spanjol ġewwa s-suq tal-Komunità li ser sseħħ għalhekk tagħmilha xierqa li jkunu applikati għal Spanja l-livell komuni tal-prezzijiet istituzzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-mekkaniżmu istitwit bl-Artikolu 152(1) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 152(3) m'għandhomx jgħoddu aktar.

Artikolu 2

1. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' programm ta' azzjoni preżentat u milħuq rispettivament mill-awtoritajiet rispettivi Franċiżi, Taljani u Griegi matul perjodu ta' tliet snin, li l-iskop tagħhom huwa, għas-settur ta' frott u ħxejjex friski, ir-ristrutturar tas-setturi tal-frott u ħxejjex l-aktar affettwati bl-abolizzjoni tal-miżuri transitorji.

2. Il-programm ipprovdut fil-paragrafu 1 għandu jkun preżentat lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Marzu 1993 u approvat mill-Kummissjoni qabel ma jkun realizzat.

3. Bħala parti mill-miżuri ta' intervent, il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-miżuri provduti fil-paragrafu 1 għandha tkun:

— 75 % ta' l-ispiża magħmula bħala intervent mill-Istati Membri,

— għall-perjodu ta tliet snin mid-data meta l-programm ikun approvat,

— f'limitu globali ta' 100 miljun ECU,

— li jiddependi fuq il-miżuri konċernati ma jkunx eliġibbli fl-istess żmien għall-miżuri Komunitarji oħra.

4. Il-mezzi ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati, kif meħtieġ, skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u ħxejjex ([3]).

Artikolu 3

Mill-1 ta' Jannar 1993, għandhom ikunu applikati fi Spanja l-prezzijiet komuni bażiċi u ta' xiri 'l ġewwa.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KEE) Nru 3709/89 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

([1]) Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Diċembru 1992 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 363, 31.12.1989, p. 3.

([3]) ĠU L 118, 20.5.1972, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1156/92 (ĠU L 122, 7.5.1992, p. 3).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fit-28 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GUMMER